**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 166/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Joseph Formosa**

Illum it-30 ta' Ottubru 2019,

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant, Joseph Formosa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 71155M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Dicembru, 2016, u fil-granet ta' qabel gewwa l-fond '*Villa Riviera 1*', fi Triq Dawret in-Nawfragju, San Pawl il-Bahar:

> Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil Rosaria Maria Galea thallas dejn, jew tesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lill-istess Rosaria Maria Galea fil-pussess ta' hwejjigha, jew hatt bini, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjigha, u *cioe'*, ghalaq zewg twieqi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' April, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' mitt Ewro (€100) multa.

Il-Qorti ordnat ukoll lil Joseph Formosa sabiex *ai termini* tal-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali, fi zmien xahar (1) inehhi kull materjali ta' kisi li sar mat-tieqa in kwistjoni fuq il-hgieg kollha taghha taht penali ta' ghaxar Ewro (€10) kuljum ghal kull gurnata ta' ritard.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Formosa, pprezentat fl-10 ta' April, 2017, fejn talab lil din l-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u ma ssibx htija fl-appellant.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Joseph Formosa, huma s-segwenti w *cioe'*:-

> "Illi dan l-aggravju jirrigwardja apprezzament ta' prova u filwaqt li l-appellanti japprezza li l-Qorti tal-Appell mhux Qorti ta' revizjoni u mhux soltu li tissindika l-provi mill-gdid, dan id-dover ghandha taghmlu biss meta l-apprezzament tal-prova jkun wiehed manifest. Illi bid-dovut rispett tal-Ewwel Qorti, l-esponenti jikkontendi li r-ragunament u l-konsiderazzjonijiet li permezz taghhom, l-Ewwel Qorti sabet htija, kienu ghal kollox hziena. Illi l-Ewwel Qorti, bid-dovut rispett strahet biss fuq il-kelma tal-kwerelanta, uliedha u Perit *ex parte* minghajr ma tat konsiderazzjoni li fil-kawza partikolari ta' spoll, sabiex din tirnexxi, dan ix-xkiel hekk allegat irid jigi ppruvat li kien 'fil-pussess ta' hwejjigha'.
>
> Illi l-Ewwel Qorti, bid-dovut rispett ma tat l-ebda konsiderazzjoni li hemm kawzi civili pendenti f'dan ir-rigward u seta' jkun iktar ghaqli fic-cirkostanzi li l-kawza odjerna kienet tigi ndirizzata wara li tinqata' l-kawza civili, specjalment fejn hemmhekk jista' johrog b'mod mill-iktar manifest l-element tal-pussess u n-nuqqas tieghu li jishaq fuqu l-esponenti.
>
> Illi ndubjament, il-provi f'dan il-kaz ghandhom jergghu jigu mistharrga minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex is-sentenza tal-Ewwel Qorti tkun revokata u mibdula b'mod illi l-appellant jigi liberat minn kull akkuza dedotta kontra tieghu."

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-aggravju ewlieni imqanqal mill-appellant idur madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, madanakollu fil-kors tas-smiegh tal-appell din il-vertenza pendenti bejn il-partijiet giet determinata permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Rose Marie Galea vs Isabelle Formosa (Cit.Nru. 1132/2016LSO) u in ottemperanza mas-sentenza moghtija minn dik il-Qorti l-appellant ezegwixxa x-xogholijiet kollha rimedjali u dan taht is-sorveljanza tal-Perit mahtur mill-istess Qorti Elena Borg Costanzi. Dan gie ikkonfermat mill-imsemmija espert stess fix-xiehda taghha tal-20 ta' Settembru 2019. Dan maghdud madanakollu billi l-kawza civili timxi b'mod indipendenti minn dik kriminali, din l-Qorti xortawahda trid tistharreg jekk l-appellant huwiex hati tar-reat lilu addebitat.

Illi mit-trattazjoni orali ta' dan l-appell li saret fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2019, d-difiza rremettiet ruħha ghad-decizjoni tal-Qorti fir-rigward tal-mertu tal-kaz u fid-dawl tax-xhieda tal-Perit Borg Costanzi tallbet illi jkun hemm mitigazzjoni fil-piena tenut kont illi xogħolijiet rimedjali da parti tal-appellant kienu gew ezegwieti.

Illi minn ezami li ghamlet il-Qorti tal-fattispecje tal-kaz, ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti errat fil-konkluzjoni minnha milhuqa meta sabet htija fl-appellant ghall-uniku reat lilu addebitat. Dan ghaliex huwa bil-wisq evidenti illi meta l-appellant lura fl-10 ta' Diċembru 2016 għalaq waħda mit-twieqi, u cioe' dik li tagħti d-dawl, tal-kamra tal-banju tal-parti leza u dan minghajr ebda awtorita skont il-ligi, huwa kien qed ifixkel lill-istess parti leza fit-tgawdija tal-arja u tad-dawl li din it-tieqa kienet taghti lill-ambjenti ta' gewwa. Dan gie ikkonfermat fil-fatt mid-decizjoni hawn fuq iccitata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Dan ghaliex ghalkemm gie ippruvat illi madwar għaxar (10) snin qabel bdew il-proċeduri l-Qorti, r-raġel tal-kwerelanti kien fetaħ it-tieqa b'madwar 4 pulzieri aktar milli kienet diġa miftuħa, madanakollu din it-tieqa minn dejjem kienet eżistenti, kif filfatt ikkonfermaw wkoll bin il-kwerelanta Justin Galea kif ukoll il-Perit Robinson li kien familjari mal-fond in kwistjoni u li kien għamel *survey* fuq l-istess propjeta fl-istess perijodu ta' żmien. L-appellant dehrlu li seta jiehu l-ligi b'idejh ghaliex stqarr illi l-parti leza ma setghat qatt twessa' il-fetha

ezistenti u allura qabad u minn jeddu kahhalha u ghalaqaha. Illi allura minghajr dubbju dan huwa kaz klassiku ta' raggion fattasi. Dan ghaliex:

> **"... id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.[1]"**

Ikkunsidrat:

Illi jifdal beix jigi trattat l-aggravju marbut mal-piena eroagata mill-Ewwel Qorti u cioe' dik tal-multa ta' €100 u l-applikazzjoni tal-artikolu 377 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellant meta gie ordnat sabiex fi zmien xahar ineħħi kull materjal ta' kisi li sar mat-tieqa fuq il-ħġieġ kollha tagħha u dan taħt penali ta' għaxar Euro (€10) applikabbli ghal kull ġurnata li hu jonqos milli jottempera ruhhu ma' dak lilu ordnat u dan wara l-għeluq tax-xahar zmien lilu koncess.

Illi gjaldarba jirrizulta illi dawn ix-xogholijiet illum il-gurnata tlestew u dan taht is-sorveljanza tal-espert mahtura mill-qorti civili, kwindi ma isibx aktar applikazzjoni l-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali ghal kaz in dizamina.

Għal dak li jirrigwarda l-*quantum* tal-multa, tenut kont tal-fatt li l-multa erogata hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u mhux biss izda hija wahda aktar vicin lejn il-minimu u dan kif jidher minn dak dispost fl-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali, fejn il-massimu tal-multa huwa ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u l-minimu ta' tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), hija l-fehma tal-Qorti li l-multa inflitta ta' mitt Euro (€100) m'għandhiex tiġi varjata.

[1] Il-Pulizija vs John dimech - deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, datata l-24 ta' Ġunju 1961.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parte b'dan ghalhekk illi tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu u fejn giet inflitta l-piena ta' multa ta' mitt Euro (€100), u tirrevokaha fil-bqija.

(Ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur